

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Novembru 2007

**li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE dwar ċerti gruppi ta' ġbir u produzzjoni ta' embrijoni fil-Kanada, fi New Zealand u fl-Istati Uniti ta' l-Amerika**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5457)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/752/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intrakomunitarju f'pajjiżi terzi u l-importazzjoni minnhom ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini<sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabilixxi listi ta' gruppi ta' ġbir ta' l-embrijuni u gruppi ta' produzzjoni ta' l-embrijuni approvati f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni tal-bovini lill-Komunità<sup>(2)</sup> tistipula li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw embrijuni biss minn pajjiżi terzi fejn inġabru, ġew ipproċessati u nħażnu minn gruppi ta' ġbir ta' l-embrijuni u gruppi ta' produzzjoni ta' l-embrijuni elenkati f'dik id-Deċiżjoni.
- (2) New Zealand talbet li jitneħħa tim wieħed mill-gruppi ta' ġbir ta' l-embrijoni mil-lista fir-rigward ta' l-entrati għal dan il-pajjiż.
- (3) Il-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika talbu li jsiru emendi għall-entrati ta' daww il-pajjiżi f'dawk il-listi fir-rigward ta' ċerti gruppi ta' ġbir u ta' produzzjoni ta' l-embrijoni.
- (4) Il-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika pprovdew garanziji fir-rigward ta' konformità mar-regoli adattati stipulati fid-Direttiva 89/556/KEE u l-gruppi kkonċernati ta' ġbir u ta'

produzzjoni ta' l-embrijoni ġew uffiċjalment approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterinarji ta' daww il-pajjiżi.

- (5) Id-Deċiżjoni 92/452/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Diċembru 2007.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/60/KE (ĠU L 31, 3.2.2006, p. 24).

<sup>(2)</sup> ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/558/KE (ĠU L 212, 14.8.2007, p. 18).

## ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat kif ġej:

- (1) ir-ringiela għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni mill-Kanada E876 hija mibdula b'dan li ġej:

"CA		E876		22 rue Principale Plaisance, Québec J0V 1S0	Dr Pierre Thibaudeau"
-----	--	------	--	--	-----------------------

- (2) ir-ringiela għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni minn New Zealand NŻEB11 hija mħassra.

- (3) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 91TX050 E548 tinbidel b'dan li ġej:

"US		91TX050 E548		Buzzard Hollow Ranch 500 Coates RD Granbury, TX 67048	Dr Brad Stroud"
-----	--	-----------------	--	---	-----------------

- (4) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 91TN006 E538 tinbidel b'dan li ġej:

"US		91TN006 E538		Harrogate Genetics Intl, INC 6664 Cumberland Gap PKWY Harrogate, TN 37752	Dr Edwin Robertson"
-----	--	-----------------	--	---	---------------------

- (5) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 91TN007 E538 tinbidel b'dan li ġej:

"US		91TN007 E538		Harrogate Genetics Intl, INC 6664 Cumberland Gap PKWY Harrogate, TN 37752	Dr Sam Edwards"
-----	--	-----------------	--	---	-----------------

- (6) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja għall-Istati Uniti ta' l-Amerika:

"US		07NC132 E705		PVC Embryo Services 110 Hyman DR Postville, IA 52162	Dr Justin Helgerson"
-----	--	-----------------	--	--	----------------------